MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 397/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Omissis detentur tal-karta tal-identita` numru X, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-Furjana u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2002 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess diżposizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda

a) b'għemil zieni kkorrompa lil bintu minuri Omissis 1;
b) mingħajr ordni skont il-Liġi tal-Awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta l-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess bintu minuri Omissis 1, kontra l-volonta` tagħha sabiex

bħala mara igegħilha tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
c) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta' bintu minuri Omissis 1.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Settembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 203, 207, 86, 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati u wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 18 tal-istess Kapitolu, kkundannat lil Omissis għal piena karcerarja ta' 24 xahar.
3. Rat ukoll l-artikolu 533 tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatu għall-ħlas tal-ispejjeż peritali ghas-somma ta' €640.75.

4. Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla kemm is-sentenza appellata kif ukoll id-digriet appellat u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skont il-Liġi.

5. Fliet l-atti kollha proċesswali.

6. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

7. Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi minħabba li t-tifla għandha personalita` qawwija u tirreċta tajjeb (iżda mhux tajjeb biżżejjed biex missierha ma jindunax illi meta tkun issikkata, tibda tibki biex tgħatti l-gideb tagħha), il-Maġistrat li ppresjediet il-każ ħasset ruħha konvinta mix-xiehda ta' Omissis 1 u konsegwentement għamlet apprezzament ħażin dwar il-każ.

8. U li b'danakollu, kien hemm diversi punti li kienu suffiċjenti u sodi biżżejjed biex juru li Omissis 1 gidbet.

207. Is-sentenza ngħatat fid-29 ta' Settembru, 2011.

Kif intqal aktar il fuq l-appell huwa dwar apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati.

L-appellant għamel diversi sottomissjonijiet dwar il-provi u l-Qorti setr tibda bihom.

208. L-ewwel sottomissjoni hija li minkejja dak li rrakkontat it-tifla, hija nstabet ‘virgo intacta. ‘

Dwar dan għandu jingħad li l-eżamijiet  fiżiċi saru żmien sew wara li seħħew l-allegati abbużi u allura ċertu sinjali ma jibqgħux hemm.

It-tieni, bir-rispett kollu, l-istat fiżiku ta’ ‘virgo intacta’ ma jfissirx li ma sarux ‘atti di libidine’ li setgħu kkorrompew lit-tifla - l-imputazzjoni ewlenija kontra l-appellant.  Għal diversi drabi t-tifla semmiet att partikolari, liema att  ma jħalli ebda traċċi jekk jitwettaq. Il-fatt li ma nstabux ċerti sinjali.

It-tielet, il-fatt li l-appellant huwa ta’ ċertu piż, mhux bilfors iwassal għall-konklużjoni li allura ċerta sinjal partikolari kellu jidher ‘sine qua non.’   It-tilfla jidher li rreżistiet u dan seta’ wassal biex l-għan ewlieni ma jintaħaqx jew ma jintlaħaqx għal kollox.

Għalhekk il-Qorti mhix tilqa’ din il-parti tal-appell.

209. It-tieni sottomissjoni hija li l-appellant  għamel kwerela fuq malafama qabel tressaq il-qorti.  Filfatt huwa semma din il-kwerela waqt l-istqarrija li għamel fis-26 ta’ Frar 2004.

L-appellant jinsisti li huwa ma rtirax il-kwerela u kkritika parti mis-sentenza tal-Qorti fejn semmiet li l-appellant kien waqqa’ l-kwerela.

Hawn ta’ min jgħid li kien l-appellant stess li sgwida lill-Qorti għaliex kien hu li qal l-kwerela kienet irtirata kif jidher mis-silta t’hawn fuq.

Issa, skont l-appellant, din il-kwerela għadha fl-atti. Jirriżulta mill-atti li l-kawża ma kenitx imxiet minħabba li l-Maġistrat sedenti kien mgħarraf li kien hemm proċeduri kriminali kontra l-appellant u allura ried jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.

L-appellant jissottometti li omm Omissis 1 damet sew biex mexxiet il-proċeduri. Dwar dan irrispondiet l-omm li riedet iż-żmien biex taħsibha. U tajjeb li jingħad – kif jidher mis-siltiet t'hawn fuq - li f'mument minnhom saħansitra talbet li r-rapport jibqa' konfidenzjali u ma jittiħdux proċeduri bil-qorti.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li omm l-allegata vittma damet ma ħadet passi u li din ħadithom wara lli kienet intavolata l-kwerela, ma jfissirx li dak li xehdet it-tifla m'għandux mis-sewwa. Anzi, jekk l-omm kienet taf jew kienet notifikata bil-kwerela, u kellha xi tentazzjoni biex tivvinta xi storja jew tinfluwenza lil bintha, kienet toqgħod attenta aktar.

Fl-istess sottomissjoni, l-appellant jissottometti li l-appellant ma keinx imur għand l-Appoġġ minn jeddu li kieku kien għamel dawk l-atti.

Il-Qorti mhux bilfors tasal għal din il-konklużjoni. Jekk wieħed ikun żbalja ma jfissirx li dan ser jabbanduna lil uliedu speċjalment jekk ikun jaf li t-trobbija tagħhom mhix sejra kif suppost. Barra dan, l-atti kien diġa' għadda ftit taż-żmien minn fuqhom u għalhekk wieħed ikun assuma li ndifen kollox.

210. Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa' din is-sottomissjoni fl-intier tagħha.

211. Sottomissjoni oħra hija li Omissis 1 stess tgħid li x-xhieda tagħha mhux vera. L-appellant jirreferi għal dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati esprimiet il-fehma tagħha dwar kif l-Avukata tat-Tfal kienet semgħet lil Omissis 1. L-appellant ikompli jgħid li la darba Omissis 1 stqarret bil-liberta' kollha li dak li kienet xehdet qabel fil-Qorti ma kienx minnu, fil-kawża daħal dubju raġjonevoli.

212. Din il-Qorti mhux biss qrat is-sentenza tal-Qort tal-Maġistrati iżda għarblet sew x'qalet l-allegata vittma meta kienet taħt pressjoni qawwija mill-Maġistrat innifisha u fil-preżenza tal-avukata tat-tfal. Barra minn dan, il-Qorti fliet x'intqal minn waħda mix-xhieda li ddeskriviet kif it-tifla ma raditx tidħol għand l-Avukata tat-Tfal. Ma' dan żiedet ikkonsidrat bir-reqqa x'qalet f'ċerti partijiet tax-xhieda tagħha. Waqt li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tara dan kollu quddiem għajnejha u għalhekk setgħet tixtarr is-sitwazzjoni tajjeb, din il-Qorti kellha quddiemha traskrizzjonijiet fidilissimi ta' x'intqal u x'ġara. Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma qed tara ebda dubju raġonevoli f'din is-sitwazzjoni. Meta kienet qed tixhed il-ħames darba u fit-tieni konfront, it-tifla kienet enfatika ta' kemm kienet ħassitha mtaqqla fil-kuxjenza tagħha li marret tgħid gidba lill-Avukata tat-Tfal. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-allegata vittma l-ewwel li xehdet kien fil-5 t'Ottubru 2004 u issa, ħames snin wara, reġgħet sabet ruħha mill-ġdid fuq il-pedana tax-xhieda.

213. Id-dubju raġjonevoli ma jinħoloqx kif ġieb u leħaq. Kieku xehdet l-Avukata tat-Tfal u ma l-allegata vittma ma reġgħetx xehdet, kieku kien ikun mod ieħor. Bil-maqlub, meta xehdet fl-aħħar – ukoll jekk ir-relazzjonijiet mal-omm ma kinux eċċellenti – leħen it-tifla nstema' aktar qawwi u sod imqar jekk kienet qed treġġa' lura dak li kienet stqarret mal-avukata tat-tfal.

214. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-sottomissjoni fl-intier tagħha.

215. Sottomissjoni oħra kienet li l-allegata vittma kienet fi kriżi latenti minkejja l-opinjoni tal-esperti. Hawnhekk l-appellant ippretenda li jagħżel l-esperti hu wara li t-talba saret minnu. Fil-fehma tal-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati għamlet sew li għażlet l-espert hi.

It-tieni, l-appellant qed iwarrab għal kollox il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti għax ma mxewx mat-teżi tiegħu. Frankament il-Qorti rat dawn ir-rapporti u qrat ix-xhieda tagħhom għal darba, darbtejn u ma qed issib xejn ħażin fihom. Jidhru li saru bil-galbu kollu. Issa jekk dawn,

lura lejn is-sena **2004**, sabu li t-tifla kienet normalissima u ma kienet qed tbati minn xejn speċjali. Għalhekk il-Qorti mhix taċċetta din il-parti tas-sottomissjoni.

L-appellant imbagħad isemmi x'ġara lill-allegata vittma fil-fażi fejn kienu saru n-noti tal-osservazzjonijiet – jiġifieri ħames snin wara li xehdu l-esperti u kważi seba' snin wara l-atti ta' abbuż allegati. Bir-rispett kollu, dak li l-allegata vittma għaddiet minnu fl-2009 bl-ebda mod ma huwa prova li l-allegata vittma kienet għaddejja minn xi kriżi latenti fis-snin 2002 sa 2004. Din hija konklużjoni għal kollox bla bażi xjentifika. Waqt li tassew li wieħed jista' jiskarta l-opinjoni ta' espert, dan ma għandux isir b'kapriċċ jew għax ma jkunx jaqbel mat-teżi tiegħu – kemm jekk din hija tal-prosekuzzjoni u kemm jekk din hija tad-difiża.

216.Għaldaqstant il-Qorti mhix taqbel lanqas ma din it-tieni parti ta' din is-sottomissjoni u għalhekk qed tiċħad is-sottomissjoni kollha kemm hi.

217. Sottomissjoni oħra kienet li l-vittma bagħtet tpinġija sabiħa lil missierha fiż-żmien meta kien qed javvera ruħu l-allegat abbuż. L-appellant kellu kull dritt li ma jaqbilx mal-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati iżda mhux korrett meta kkonkluda li li kieku kien hemm l-abbuż, it-tifla ma kenitx tibgħat il-card.

L-abbuż bl-ebda mod ma jeskludi li t-tifla tibqa' miġbuda lejn missierha meta f'eta' tant żgħira qed tarah darba fil-ġimgħa biss. Meta kienet mistoqsija għal darba, tnejn, tlieta, għala kienet bagħtet il-card, it-tifla baqgħet ma setgħetx issb tweġiba. Hawnhekk min qiegħed jiddeponi għadu f'eta' żgħira ħafna, qed isibha diffiċli biex jgħid x'ġara u mhux faċli li intellettwalment jagħmel ċerti distinzjonijiet fl-emozzjonijiet. Dak iż-żmien xorta qed tarah bħala missierha u huwa illum li stmerritu għal kollox kif jidher mill-aħħar depożizzjoni tagħha.

218. Għaldaqstant il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni.

219. Sottomissjoni oħra kienet dwar ix-xhieda li ta Omissis 2 'in articulo mortis.' Hawnhekk l-appellant stess qed jgħid li l-avukata tat-tfal ma niżżlet xejn remotament li kellu x'jaqsam mal-każ. Biss l-appellant huwa interessat dwar x'qalet din dwar Omissis 3.

220. L-ewwelnett, la ma ntqal xejn dwar dan il-każ, allura dak li ntqal m'għandux jidħol f'dan il-proċess għax ikun irrelevanti.

It-tieni, dwar Omissis 3, ma kienx hemm bżonn aktar informazzjoni għax diġa' hemm biżżejjed fil-proċess sabiex kull Qorti tista' tagħmel il-konklużjonijiet tagħha.

It-tielet, il-Qrati tagħna dejjem qalu li huwa f'idejn l-Ewwel Qorti li tara xi provi għandha taċċetta u liema le u Qorti tal-Appell ma tidħolx f'din id-diskrezzjoni jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali.

221. Din il-Qorti għalhekk mhix qed tara għala għandha tisma' lill-Avukata tat-Tfal jew li jinġieb x'qal Omissis 2 għal dawn is-seba' raġunijiet:

(a) l-Avukata tat-tfal diġa' nstemgħet isfel għar-rigward ta' x'qalitlha Omissis 1 u l-Maġistrata mxiet pass, pass ma' dak li ntqal;

(b) l-Avukata tat-Tfal fil-każ ta' Omissis 2 ma niżżlet xejn li għandu x'jaqsam mal-każ;

(ċ) Jekk niżżlet xi ħaġa dwar Omissis 3, dan żgur mhux indispensabbli għax mill-atti jirriżulta x'tip ta' karattru hi u li ma kenitx qed tieħu ħsieb it-tfal kif suppost;

(d) L-istess Omissis 3 f'mumenti minnhom riedet li l-file jibqa' kunfidenzjali u ma jittiħdux passi bil-qorti iżda dan kien każ 'ex ufficio.'

(e) Omissis 3 mhix l-akkużata f'dawn l-atti;

(f) l-istess Omissis 2 xehed dwar ir-rigal tal-ħames liri Maltin u tal-mobile – ftti relevanti f'dan il-każ;

(g) din il-Qorti mhix qed tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq x'qalet din ix-xhud iżda prinċipalment fuq dak li qalet l-allegata vittma.

222. Il-Qorti lanqas m'hi ser tidħol fuq proċess kriminali dwar manteniment fejn l-appellant kien liberat minn imputazzjoni li naqas li jagħti l-manteniment lil martu. Dawn huma proċeduri separati u l-fatt li wieħed ikun liberat minn tali imputazzjoni jista' jwassal għal diversi konklużjonijiet bħal, per eżempju, li l-manteniment ma kienx ingħata; jew li ma nġabux provi biex tinstab ħtija.

223. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din is-sottomissjoni fl-intier tagħha kif ukoll u qed tiċħad ukoll kull talba li saret.

224. Sottomissjoni oħra kienet li fis-sentenza la jissemmew l-istqarrija tal-imputat u lanqas ix-xhieda.

225. Din il-Qorti rat l-istqarrija tal-appellant darbtejn u qrat darbtejn dak li qal hu. L-appellant jagħmel referenza għall-parti fejn jingħad li t-tifla qed tgħid dawn l-affarijiet għax tibża' minn ommha u li taqla' xebgħa jekk tgħid dawn il-kliem. Innutat ukoll li l-imputat qal li lit-tfal iħobbhom.

226. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza hemm referenzi aktar. Wieħed jifhem li fl-istqarrija m'hemmx provi kontra l-appellant għalkemm f'partijiet minnha wieħed kien jistenna spjega aktar qawwija u mhux 'Le definitely not' meta l-mistoqsija hija waħda xejn sabiħa b'akkuża li mhix denja titniżżel f'din is-sentenza.

227. Din l-istqarrija reġgħet inqrat lill-appellant huwa u jagħmel id-depożizzjoni tiegħu (seba' faċċati – 747 - 753). Il-Qorti nnotat li hu ħassu xxokkjat b'dak li kien sema'. L-appellant jidher ukoll bħala l-missier li jrid jieħu ħsieb ta' bintu għax ried jara wkoll għandhiex bżonn psikjatra u għax xtaq li meta ssepara jeħdhom miegħu lit-tfal. Huwa qal ukoll li t-tfal marru jgħannquh u jbusuh. Imbagħad qal li huwa jiżen 95 kilos u għalhekk ma setax jifhem kif issir allegazzjoni bħal dik u ma jkunx hemm konsegwenzi. Imbagħad ħafna mix-xhieda hija dwar kif kienet iġġib

ruħha Omissis 3 u xi kliem kienet qed tgħallem lit-tfal. Dwar l-allegata vittma huwa qal li għandha l-kapaċita' li tigdeb. Fuq ċerta mossa li ddeskriviet li għamel bintu, huwa qal li ma jistax jiddeskrivi dak li ma għamilx.

228. Din il-Qorti qed tagħti każ ta' kull ma hemm fil-proċess iżda ma jfissirx li l-Qorti tal-Maġistrati naqset għax ma għamilitx enfasi fuq l-istqarrija u d-depożizzjoni tal-appellant. Qorti tista' ma ssemmix ċerti provi għax ikun hemm oħrajn aħjar jew inkella ċerti provi jistgħu ixejnu provi oħrajn jew provi oħrajn ikunu superjuri ħafna u mhux la kemm tkissirhom. Imma dan huwa kollu fid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jibqa' liberu fil-ġudizzju tiegħu liema provi jidhru li huma b'saħħithom favur id-difiża jew favur il-Prosekuzzjoni. Mhux bilfors li kull ċaħda li ssir ser tfisser ħolqien ta' dubju f'moħħ il-ġudikant jew li xi depożizzjoni ser tiġi awtomatikament kanċellata.

229. Għalhekk din il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni sakemm din is-sottomissjoni hija kritika għall-Qorti tal-Maġistrati li forsi, fil-miktub, ma tatx xi importanza lill-istqarrija u lid-depożizzjoni tal-appellant.

230. Biss fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk għandha tinstab xi ħtija, il-prova trid tinstab band'oħra u imbagħad Qorti tiżen jekk iċ-ċaħdiet magħmula mill-appellant ixejnux tali prova jew provi.

231. It-tieni parti ta' din is-sottomissjoni hija li l-Qorti tal-Maġistrati ma tatx każ ta' dak li kienet kitbet l-Ispettura meta din talbet a psychological assessment of Omissis 1 (the client) to evaluate her credibility since the inspector felt that there were some conflicting issues.'

232. Fil-fehma tal-Qorti l-appellant donnu qed jinjora li din il-problema kienet sorvolata meta l-Qorti ħatret esperti – ħatra mitluba mid-difiża stess – sabiex isir eżerċizzju fuq żewġ binarji differenti biex ikun stabbilit il-punt li riedet tiċċara l-Pulizija. Mela l-Qorti tal-Maġistrati hija u tikkomponi s-sentenza kellha fil-proċess analiżi magħmula min-nies professjonali li kienu f'pożizzjoni jaslu għall-

konklużjonijiet tagħhom u li setgħu jixħtu dawl dwar din il-problema.

233. Għalhekk il-Qorti mhix qed taċċetta din il-parti tas-sottomissjoni.

234. Fl-aħħar parti ta' din is-sottomissjoni l-appellant jgħid li Omissis 3 abbandunat id-digriet tat-30 ta' Settembru 2004. Bir-rispett kollu l-Qorti mhix qed tara li dan l-abbandun jinpinġi fuq l-allegati abbużi.

235. L-appellant ukoll qed jagħmel ċerta konklużjonijiet ta' malajr wisq dwar meta l-Pulizija ressqu l-każ (2004) u meta saru l-allegati abbużi. Il-Pulizija ma kinux jafu b'dawn l-abbużi mill-ewwel u mhux dejjem il-każi jitressqu b'ċertu għaġla. Jekk riedu aktar żmien biex jinvestigaw il-każ, allura bilfors ikun hemm xi time gap.

236. Il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni fl-intier tagħha.

237. Sottomissjoni oħra hija dwar ir-rapport tac-Child Protective Services Unit tal-Appoġġ. F'dan ir-rapport hemm li omm l-allegata vittma qalet li bintha tigdeb ħafna. Fir-rapport hemm ukoll li Omissis 3 'acts out'. Kieku kien hemm xi dubju dwar il-missier, ma kinitx tikteb 'suggest supervised access visit' iżda li m'għandux ikun kuntatt mal-missier.

238. Din il-parti ta' din is-sottomissjoni tkkonċentra l-iktar fuq l-allegata vittma bħala 'giddieba'. L-appellant jgħid li ma jidhirx li kien hemm gideb da parti ta' Omissis 1 dwar il-missier. Jekk wieħed jieħu dan l-argument bħala bażi, allura Omissis 1 ma kellhiex għalfejn tivvinta 'gidba' fuq missierha bħal din. Waħda mill-'gideb' l-oħra t-tifla spjegatha meta qalet li attwalment kien ħuha li waddbilha żarbuna u mhux ommha li sawtitha Din il-Qorti ma jidhrilhiex li dawn il-kummenti fuq ir-rapport iqanqlu xi dubju raġonevoli dwar jekk it-tifla kinitx qed tigdeb jew le hija u tiddeponi.

It-tieni parti ta' din is-sottomissjoni tiffoka l-aktar dwar l-imġiba tal-omm bħala dik li ssawwat lit-tifla kif ukoll li

kienet l-omm l-għamlet l-allegazzjoni dwar abbuż sesswali.
Din il-Qorti mhix teskludi li l-omm ġieli sawtet lit-tifla u li kienet hi li 'confided dad abused girl.'

Dwar din it-tieni parti wkoll , jekk l-omm rat id-demm fil-'panty' tat-tifla u d-demm ma' koxxtejha l-mistoqsijiet sejrin iqumu jekk hija verament omm u magħha kien hemm in-nanna meta kienet qed taħsel lill-vittma. Wieħed jistenna li l-omm ser tieħu xi passi għalkemm damet ma ċċaqalqet għalkemm iffirmat il-consent form biex il-ħaddiema soċjali jgħaddu l-informazzjoni lill-Pulizija sena eżatt wara li kienet ippreżentata l-kwerela fuq malafama.

Il-Qorti tinnota li fl-istess ħin jirriżulta li l-omm kienet talbet biex ma jittiħdux passi bil-Qorti. Id-difiża ħadet il-linja li l-omm riedet tivvendika ruħha mill-appellant u ġiegħlet lit-tifla li tivvinta fuq missierha. U t-tifla kienet għodda tajba għal dan l-iskop għax 'tigdeb' ħafna. Id-difiża tellgħet xhieda wkoll biex issaħħaħ din it-teżi. Fil fatt a fol 15 d-difiża tissottometti li dan il-materjal kien kollu relevanti.

239. Bir-rispett kollu, ma jfissirx li għax id-difiża għandu linja difensiva l-Qorti kellha bil-fors tilqagħha. **Ta' min jinnota li waqt li d-difiża l-ħin kollu tenfasizza li t-tifla hija 'giddieba' imkien fir-rikors tal-appell ma deher xi attakk fuq punti li xehdet fuqhom l-allegat vittma fi 340 paġina. Il-kwotazzjonijiet minn rapport jew x'qal ħadd ieħor mhux biżżejjed biex ixejnu dak li qalet it-tifla.**

240. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' din is-sottomissjoni fl-intier tagħha.

241. Sottomissjoni oħra huwa dwar x'qal il-medical report mħejji minn Dr Mariella Mangion. Id-difiża tgħid li t-tifla kienet konsistenti mal-gidba tagħha għaliex irnexxielha tikkonvinċi lid-Dottoressa Mangion. Id-difiża terġa' tagħmel referenzi dwar l-intact hymen.

242. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għala m'għandhiex tistrieħ fuq dak li qalet Dr Mariella Mangion. Din qalet l-

affarijiet ċari u tondi – fejn ma sabitx provi qalitu. Tat ir-raġuni wkoll għala ma nstabux ċerti provi – minħabba t-trapass taż-żmien. Il-provi ma jsirux bl-eżamijiet mediċi biss imma wkoll b'dak li jaraw u jisimgħu x-xhieda.

Dwar l-'intact hymen', a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tirreferi għal dak li qalet qabel minħabba li din kienet l-ewwel sottomissjoni. Barra dan l-appellant ma kellu ebda imputazzjoni ta' stupru vjolent.

Fl-aħħar parti tas-sottomissjoni l-appellant jirreferi għas-psychological report li talbet l-Ispettur Calleja li għalih diġa' saret referenza a fol 12 u13 meta l-appellant kien qed jagħmel is-sottomissjoni tiegħu dwar l-istqarrija tal-imputat u x-xhieda tiegħu. Għal darb'oħra, a skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tirreferi għal dak li diġa' qalet qabel.

243. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din is-sottomissjoni wkoll fl-intier tagħha.

244. Sottomissjoni oħra kienet dwar il-kredibilita' ta' Omissis 3.

245. Id-difiża tissottometti li Omissis 3 ġabet ruħha mas-social workers taparsi ma taf xejn dwar l-allegazzjonijiet. U żżid ma' dan li Omissis 1 ġebbdet il-verżjoni għall-perjodu ta' qabel is-separazzjoni u tiskanta kif din ma qalet xejn lil ommha. Tgħid ukoll li Omissis 3 ma riditx li Omissis 1 tirċievi xi għajnuna psikoloġika għax beżgħet li Omissis 1 tikxef kollox. Id-difiża ssemmi wkoll kif kemm Omissis 1 kif ukoll Omissis 2 fetħu qalbhom – waħda ma l-Avukata tat-tfal u l-ieħor mal-Avukata tat-Tfal meta qal x'kienet tagħmel ommhom.

246. Issa dwar dan kollu li qed ingħad mid-difiża f'din l-aħħar sottomissjoni, kollox jiddependi dwar jekk wieħed hux ser jemmen lill-allegata vittma jew le. Il-Qorti qrat ix-xhieda tal-allegata vittma bir-reqqa u ppruvat tagħmel sommarju ta' tliet mija u erbgħin faċċata li fihom xehdet it-tifla. Il-Qorti mhix qed tilqa' din is-sottomissjoni propju minħabba li qed tagħti kredibilita' lil dak li xehdet it-tifla.

247. Hemm diversi raġunijiet għala l-Qorti qed temmen il-verżjoni li tat it-tifla. Dawn jidhru hawn taħt.

248. L-ewwelnett m'hemmx xi raġuni speċjali fil-proċess kollu għala m'għandhiex temminha.

249. It-tieni hemm konsistenza kbira f'dak li qalet minn seduta għall-oħra u dan fi spazju mifrux ta' ħames snin.

250. It-tielet, il-Maġistrat għafset lit-tifla għall-verita' ħafna drabi u kemm-il darba reġgħet staqsietha l-istess mistoqsijiet biex tara jekk kenitx ser tvarja r-risposta meta tkun taħt pressjoni. It-tifla baqgħet tirrepeti l-istess.

251. Ir-raba' hemm ċerta dettalji fl-inċidenti li mhux la kemm tivvintahom. B'mod speċjali li l-abbuż sar erba' darbiet il-Floriana u darba f'Bormla. Jekk it-tifla kienet taħt l-influwenza ta' ħadd ieħor, dan il-ħadd ieħor kien żgur joqgħod attent li ma jikkomplikax l-affarijiet ma' tifla daqshekk żgħira u lanqas li jiddeskrivi l-pożizzjonijiet differenti. Dan kien iwassal għall-memory overload f'każ ta' xi influwenza apposta waqt diffiċli wieħed jifhem li tifla ta' eta' daqshekk tenera setgħet tkun tivvinta daqstant ukoll jekk hija deskritta bħala tifla intelliġenti ħafna.

252. Il-ħames – il-Qorti għal mument qed taċċetta dak li tgħid id-difiża dwar x'qalet it-tifla meta marret għand l-Avukat tat-Tfal. Jiġifieri li hemm qalet li kienet ivvintat l-istorja dwar missierha. Iżda l-Qorti ma tistax ma tinnutax **kif ġabet ruħha t-tifla** meta sabet ruħha quddiem il-Maġistrat u reġgħet ġibdet lura kull ma qalet għand l-Avukata tat-Tfal. Hawn il-Maġistrat għafset ħafna biex toħroġ il-verita' mit-tifla. Barra dan sar 'konfront' ieħor u t-tifla ammettiet li quddiem l-Avukata tat-Tfal kienet tkellmet mod ieħor u mhux qabdet u nnegat li kienet biddlet l-istorja. Hemm ukoll prova li t-tifla ma riditx tidħol quddiem l-Avukata tat-Tfal. Fil-fehma tal-Qorti, dak li qalet it-tifla għandu mill-verita'.

253. Is-sitta – Meta t-tifla qalet li ppruvaw jagħtuha xi rigali – daqqa Lm5 u daqqa mobile – il-verżjoni tagħha kienet ikkoroborata bil-verżjoni ta' ħuha Omissis2.

254. Is-seba' It-tifla kellha tirrispondi għall-mistoqsijiet li ma kenitx qed tistenna bħal meta ntalbet tpinġi ċerti affarijiet jew li tgħid ċerti kliem li hi ma riditx tgħid. Il-Qorti xtarret sew kif irreaġiet it-tifla u kif ġabet ruħha f'ambjent ta' Qorti li mhux l-iktar konduċenti biex wieħed jibqa' kalm. Il-mod kif ġabet ruħha t-tifla jneħħi kull dubju minn moħħ il-Qorti li t-tifla vvintat xi storja jew li kienet imġegħla tivvinta xi storja.

255. It-tmienja- Id-difiża kellha ċ-ċans kollu tagħmel il-kontro-eżami darba minnhom b'lista ta' wieħed u erbgħin mistoqsija mħejjija minn qabel. B'dana kollu t-tifla baqgħet soda.

256. Id-disgħa – Il-paragrafu li siltet il-Qorti a fol 42 – paragrafu li hemm kelma b'kelma x'qalet it-tifla – ma jistax ikun il-frott ta' reċtar jew ta' xi influwenza ġejja minn fejn ġejja. It-tifla żbruffat għax indunat li quddiem l-Avukata tat-Tfal ma kinitx qalet il-verita'.

257. L-għaxra – Il-Qorti ma ħassitx li ċ-ċaħdiet tal-appellant kienu b'saħħithom biżżejjed biex ixejnu dak li qalet it-tifla.

258. Il-Ħdax – Ebda xhieda jew dokument li jidhru fil-proċess ma jkissru x-xhieda mogħtija mill-allegata vittma.

259. Fl-aħħarnett każ bħal dan bilfors jiddependi prinċipalment jekk wieħed hux ser jemmen lill-allegata vittma jew le. Hija l-allegata vittma li setgħet tgħid x'għadda bejnha u bejn missierha u ħadd iktar. Jista' jkun hemm riżultati forensiċi u f'ċerti atti li jitwettqu jista' ma jkunx hemm xejn.

260. Saru allegazzjonijiet li t-tifla setgħet kienet influwenzata minn ommha u li din ommha riedet tivvendika ruħha mill-appellant. Il-qofol tal-kwistjoni mhix jekk l-omm riditx tivvendika ruħha imma jekk kienx hemm provi biżżejjed dwar it-tliet imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra l-appellant. Il-Qorti qagħdet ferm attenta biex tara jekk it-tifla kenitx strumentalizzata biex jinħoloq ix-xenarju

ta' dan il-proċess. Għalhekk qrat il-proċess bil-galbu u mhux darba biss, għamlet is-sommarji **ta' kull xhud, u ttajpjat is-sommarji u l-konsiderazzjonijiet hi biex żgur tkun qed tikkonċentra fuq il-kontenut**. Ma tarax li hemm xi raġuni ghalfejn għandha tirrevoka jew tvarja d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistati fl-ismijiet premessi mogħtija fid-29 ta' Settembru 2011. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet legalment u raġjonevolment.

261. Filfatt l-atti deskritti magħmula fuq it-tifla għandhom jitqiesu bħala 'atti di libidine' ai termini tal-artikolu 203 u skont kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) diversament preseduta fil-każ 'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen' tat-8 ta' Jannar 1996, dawn kienu 'atti' li jaqgħu tal-artikolu 203 tal-Kap 9.

262. It-tifla kienet ukoll miżmuma għal xi ħin kontra r-rieda tagħha u dan ir-reat jaqa' taħt l-artikolu 86 u 87 (1)(g) tal-Kap 9.

263. L-atti li jirriżultaw mill-proċess jammontaw ukoll għall-attentat vjolenti għall-pudur ai termini tal-artikolu 207 tal-Kap 9.

264. Japplikaw ukoll l-artikoli 17, 18 u 533 tal-Kap 9. Għalhekk il-Qorti qed tikkonferma li l-appellant huwa ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni u bit-tielet imputazzjoni assorbiti fl-ewwel waħda.

**Konklużjoni**

**265. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravju tal-appellant bid-diversi sottomissjonijiet li hemm fih, qed tiċħad ukoll l-appell mid-digriet tas-27 ta' Lulju 2011 li bih il-Qorti tal-Maġistrati kienet ordnat l-isfliz tad-dokument anness mar-rikors tal-imputat tas-27 ta' Ġunju 2011, għaliex il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull**

**dritt li tirregola xi provi taċċetta jew le u ma jirriżultax li kien hemm ċirkostanzi straordinarji biex din il-Qorti tbiddel dik id-deċiżjoni jew digriet, qed tiċħad li terġa' tinstema' bħala xhud f'dan l-istadju tal-proċeduri Dr Stephanie Galea għax assolutament ma kienx hemm raġuni valida dato ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-fatt li din diġa' xehdet u dak li kellha tgħid dwar x'qal Omissis 2 ma kienx ser ikollu influwenza fuq id-deċiżjoni aħħarija, u qed tiċħad it-talba tal-appellant għar-revoka, it-tħassir u l-annullament tas-sentenza msemmija kif ukoll it-talba għal-liberazzjoni tal-esponent minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skont il-Liġi u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fid-29 ta' Settembru 2011 fl-intier tagħha. Qed tordna li isem l-appellant jitpoġġa fuq il-lista ta' pedofili ai termini tal-Kap 518.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------